# PARLAMENT EWROPEW

*2004* *2009*

*Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali*

**006/2132(INI)**

11.10.2006

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

għall-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

dwar il-Pjan direzzjonali għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel 2006-2010 (2006/2132(INI)

Rapporteur għal opinjoni: Gabriele Zimmer

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistiden lill-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni li ser jadotta:

1. Jaqbel li l-ugwaljanza bejn is-sessi hija dritt fundamentali u valur komuni ta' l-UE, iżda jinnota li għalkemm sar progress sinifikanti f' dan il-qasam, għad fadal ħafna inugwaljanzi bejn in-nisa u l-irġiel;

2. Jaqbel li l-ugwaljanza bejn is-sessi hija dritt fundamentali u valur bażiku ta' l-UE; iżda jinnota li għalkemm sar progress sinifikanti f'dan il-qasam, għad fadal ħafna inugwaljanzi bejn n-nisa u l-irġiel; iqis li minħabba l-pożizzjoni sfavorevoli tan-nisa fil-qasam soċjali u ekonomiku, b'livelli ogħla ta' qgħad u b'pagi inqas minn ta' l-irġiel, ir-riskju li n-nisa jiġu sfruttati huwa ikbar u għal din ir-raġuni jitlob li jiġu imposti sanzjonijiet stretti kontra dawk li jisfruttawhom waqt li jkunu qed jimpjegawhom;

3. Jenfasizza li l-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-KE dwar it-trattament ugwali ta' l-irġiel u tan-nisa, l-użu effettiv tal-Fondi Strutturali u l-mekkaniżmi l-ġodda għall-iffinanzjar jistgħu jtejbu t-taħriġ, jagħtu spinta lill-impjiegi u jippromwovu l-imprenditorjat;

4. Jikkunsidra li l-istituzzjonijiet Ewropej għandhom jikkomunikaw aktar dwar il-politika żviluppata fil-livell Ewropew sabiex jiġu promossi l-ugwaljanza bejn is-sessi u d-drittijiet tan-nisa, u l-progressi li dik il-politika għamlet possibbli;

5. Jipproponi li l-Istati Membri jiżviluppaw strateġija għall-impjiegi li tneħħi x-xkiel għall-aċċess li n-nisa jkollhom għas-suq tax-xogħol, billi jippromwovu l-kundizzjonijiet ta' pagi indaqs u jieħdu azzjoni kontra d-diskriminazzjoni fil-pensjonijiet li tinħoloq minn waqfiet mix-xogħol fuq il-bażi ta' *leave* għal maternità u *leave* ta' ġenitur;

6. Jenfasizza l-irwol kruċjali li għandhom l-istituzzjonijiet Ewropej u nazzjonali fil-promozzjoni ta' soċjetà bbażata fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi; jistieden lill-istituzzjonijiet nazzjonali sabiex jorganizzaw kampanji ta' informazzjoni u ta' qawmien ta' kuxjenza pubblika dwar l-aspetti kollha tar-relazzjonijet bejn is-sessi (fir-rigward tal-ħajja professjonali, familjari u politika u tas-saħħa, sabiex jiġu miġġielda l-forom kollha ta' vjolenza kontra n-nisa, inkluż it-traffikar tan-nisa);

7. Jenfasizza li l-intrapriżi, li huma fundamentali għall-iżvilupp ekonomiku u għall-ħolqien ta' l-impjiegi, għandhom jikkontribwixxu fi ħdan il-qafas tar-responsabilità soċjali korporattiva għall-qerda tad-diskriminazzjoni li spiss in-nisa jisfaw vittmi tagħha u b'mod partikulari billi jippromwovu l-aċċess għall-impjiegi, għat-taħriġ u għall-iżvilupp vokazzjonali; jinsisti fuq l-importanza ta' l-irwol ta' l-imsieħba soċjali u tad-djalogu soċjali;

8. Ifakkar li t-taħlita ta' kompetittività ekonomika u ġustizzja soċjali hija fil-qalba tal-mudell Ewropew ta' żvilupp;

9. Jinnota li l-isfidi iffaċċjati mill-Istati Membri u l-UE fil-qasam ta' l-ugwaljanza bejn is-

sessi qed jiżdiedu bħala riżultat ta' kompetizzjoni ekonomika aktar intensa u minħabba d-domanda sussegwenti għal ħaddiema aktar flessibli u mobbli; jenfasizza li n-nisa għadhom ibatu minn diskriminazzjoni soċjali, fl-impjiegi u taħt forom oħra u li ċ-ċans hu li dawn ir-rekwiżiti jkollhom impatt aktar qawwi fuq in-nisa milli fuq l-irġiel; iqis li din is-sitwazzjoni m'għandhhiex titħalla ddgħajjef l-ugwaljanza bejn is-sessi u d-drittijiet tan-nisa għar-riproduzzjoni;

10. Iqis li l-isfidi attwali għall-bidla demografika jistgħu jiġu affrontati aħjar jekk in-nisa jkollhom aċċess akbar għas-suq tax-xogħol bażat fuq ħinijiet tax-xogħol flessibbli flimkien ma' sigurtà tax-xogħol, sigurtà soċjali, opportunitajiet għal edukazzjoni u faċilitajiet għall-kura tat-tfal, fatturi li jippermettu bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja u żieda fl-opportunitajiet għal impjiegi għan-nisa;

11. Jindika li l-parteċipazzjoni tan-nisa fis-settur ta' riċerka, fix-xjenzi u t-teknoloġija jistgħu jikkontribwixxu biex tiżdied l-innovazzjoni;

12. Jappoġġja l-azzjonijiet fundamentali mressqa fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, Il-Pjan direzzjonali għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel (COM(2006)0092) (il-Pjan Direzzjonali) f'sitt oqsma prijoritarji li jirrigwardaw: il-kisba ta' indipendenza ekonomika għan-nisa, l-enfasizzar ta' l-irwol fundamentali tal-fondi soċjali għall-edukazzjoni globali fil-qasam ta' teknoloġiji ġodda li jirrikonċiljaw ix-xogħol u l-ħajja fil-familja; il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni ugwali bejn in-nisa u l-irġiel fit-teħid tad-deċiżjonijiet; il-qerda tal-vjolenza u t-traffikar bbażati fuq ġeneru, b'attenzjoni partikulari għall-jasar; l-abolizzjoni ta' l-isterjotipi bbażati fuq ġeneru fis-soċjetà u l-promozzjoni ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi barra l-UE; għalhekk jistenna li l-Kummissjoni tqajjem kuxjenza permezz ta' l-iskambju ta' l-aħjar prassi, l-appoġġ tar-riżultati ta' riċerka u segwitu; madankollu jemmen li sabiex dawn l-azzjonijiet ikunu effettivi, hemm bżonn li l-politiki soċjali u ekonomiċi ta' l-UE jiżguraw li n-nisa, l-irġiel u t-tfal kollha jkunu jistgħu jgħixu fid-dinjità u ħielsa mill-faqar;

13. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tagħmel kull sforz sabiex tassigura li l-miżuri sostnuti f'din il-kommunikazzjoni jissarrfu f'azzjoni; jenfasizza li, fil-passat, l-ammont konsiderevoli ta' diskussjoni dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi rriżulta fi ftit li xejn miżuri konkreti, u issa huwa ż-żmien li jiġu applikati b'mod effettiv il-leġiżlazzjoni Ewropea u l-prinċipji stipulati fil-komunikazzjonijiet u d-direttivi ppubblikati dwar dan is-suġġett; iqis li hija essenzjali wkoll, biex dawn il-miżuri differenti jkunu jistgħu jiġu applikati b'mod effettiv, li tittejjeb is-sħubija ma' l-Istati Membri u s-soċjetà ċivili;

14. Jemmen fermament li biex jinkisbu l-objettivi ta' tkabbir u kompetittività stipulati fl-Istrateġija ta' Liżbona hemm bżonn li jintużaw il-mezzi ta' produzzjoni kollha u li n-nisa jridu jitħeġġu biex jieħdu sehem fuq l-istess livell bħall-irġiel;

15. Jemmen ukoll li l-azzjonijiet li jipprovdi għalihom il-Pjan direzzjonali għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel iridu jiġu inkorporati f'kull politika ekonomika u fi ħdan dan il-qafas iridu jsiru sforzi sabiex jissaħħu l-imprenditorjat fost in-nisa, l-aċċess aħjar għall-finanzjament u l-iżvilupp ta' netwerks imprenditorjali tan-nisa;

16. Jemmen li l-ugwaljanza bejn is-sessi, peress li hija waħda mill-iktar valuri bażiċi importanti ta' l-Unjoni Ewropea, hija għan li ta' min wieħed jiksbu mhux biss għal

raġunijiet ta' effiċjenza ekonomika imma, b'mod partikulari, għal raġunijiet ta' ġustizzja soċjali u biex tintlaħaq dinja aktar ġusta u bilanċjata; għal din ir-raġuni l-ugwaljanza bejn is-sessi trid tkun parti tal-politiki kollha ta' l-Unjoni u ta' l-Istati Membri;

17. Jindika l-fatt li l-ugwaljanza bejn is-sessi fuq il-post tax-xogħol hija relatata mill-qrib mal-fatt li jrid jiġi żgurat li jkun hemm ir-rispett għad-drittijiet tal-ħaddiema f'sistemi flessibli;

18. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tippromwovi, fid-dokumenti kollha ta' l-UE, lingwaġġ li huwa sensittiv fir-rigward ta' ġeneru u li huwa kapaċi li jindirizza l-kulturi kollha involuti;

19. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tassigura li l-impatt fil-kuntest ta' ġeneru jkun kkunsidrat sew meta tiġi riveduta jew żviluppata leġiżlazzjoni tal-KE, bħal ma hi d-Direttiva dwar il-ħinijiet tax-xogħol, u li l-Kummissjoni taġixxi b'mod xieraq meta jkun mistenni impatt negattiv fil-kuntest ta' ġeneru bħal ma hu l-każ tad-Direttiva dwar il-ħinijiet tax-xogħol; jistieden lill-Kunsill sabiex ineħħi l-esklużjoni volontarja mid-Direttiva dwar il-ħinijiet tax-xogħol, peress li hi ta' dannu akbar għan-nisa milli għall-irġiel u tagħmilha aktar diffiċli li jiġu rikonċiljati x-xogħol u l-ħajja fil-familja;

20. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tinkoraġġixxi lill-Istati Membri sabiex jirrikonoxxu l-valur ekonomiku, soċjali u edukattiv ta' xogħol mhux imħallas fil-familja u fid-dar, billi joħolqu mekkaniżmi ta' kontribuzzjonijiet għas-sistema tal-ħarsien soċjali u sistemi għal pensjonijiet fuq bażi volontarja;

21. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tinkoraġixxi - permezz ta' azzjonijiet u politiki - il-parteċipazzjoni tan-nisa f'oqsma tax-xogħol tradizjonalment dominati mill-irġiel bil-ħsieb li jippromwovu l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-pagi ndaqs;

22. Jenfasizza li n-nisa għandhom riskju akbar ta' qgħad, sfruttament u faqar mill-irġiel u għalhekk jistieden lill-Kummissjoni biex tagħti prijorità għall-iżvilupp ta' strateġiji biex titnaqqas il-femminizzazzjoni tal-faqar u l-qgħad u jistieden lill-Istati Membri biex jimplimentaw dawn l-istrateġiji għan-nisa fil-proċessi tal-ħarsien soċjali u l-inklużjoni soċjali;

23. Jiddispjaċih li l-Pjan direzzjonali ma jagħtix biżżejjed importanza lill-irwol li għandu t-taħrig sabiex tintlaħaq l-ugwaljanza sħiħa; huwa tal-fehma li għandhom jiġu intensifikati l-isforzi tat-taħriġ għan-nisa li huma bla xogħol jew li huma f'impjieg temporanju jew li qed jaħdmu f'xogħol ta' grad inferjuri; barra minn hekk jemmen li għandhom ikunu offerti inċentivi akbar sabiex in-negozji jipprovdu t-taħriġ fuq ix-xogħol meħtieġ għan-nisa li l-kwalifiki professjonali tagħhom huma ta' livell aktar baxx; jikkunsidra, fl-aħħar, li t-taħriġ għandu ikun partikolarment iffukat fuq in-nisa li jgħixu f'inħawi rurali b'mod speċjali fir-rigward ta' l-użu tat-teknoloġiji ġodda;

24. Jindika l-importanza ta' l-irwol li għandhom id-diversi awtoritajiet gvern u l-imsieħba soċjali (intrapriżi u *trade unions*) biex jiġu segwiti azzjonijiet pożittivi li jagħmlu l-ħajja aktar ġusta u bilanċjata; jisħaq li huwa essenzjali li jiġi assigurat l-involviment tas-settur privat u li l-awtoritajiet għandhom jagħtu l-inkoraġġiment meħtieġ sabiex ditti li jippromwovu bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja jingħataw rikonoxximent uffiċjali, kemm

jekk fuq livell lokali, reġjonali, nazzjonali jew Ewropew;

25. Jikkunsidra li hi xi ħaġa tajba, jekk wieħed iqis l-esperjenzi ta' dan l-aħħar fi Stati Membri bħal m'hi Spanja, li l-miżuri li qed jiġu rakkomandati mill-Kummissjoni għandhom jippermenttu li jsir tnaqqis mit-taxxa fuq id-dħul favur l-ommijiet żgħar li jaħdmu; jemmen li, b'mod simili, hemm bżonn li jiġi permess it-tnaqqis mit-taxxa korporattiva sabiex igawdu l-intrapriżi li jistabbilixxu ċentri għal kura tat-tfal matul il-ġurnata fuq il-post tax-xogħol;

26. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tieħu miżuri speċifiċi sabiex tiżgura li s-suggerimenti li saru fil-Pjan direzzjonali lill-Istati Membri jiġu verament implimentati, peress li l-Istati Membri huma responsabbli li tiġi integrata l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-politika tal-gvern u, ta' spiss, li tiġi applikata l-leġiżlazzjoni Ewropea;

27. Jitlob lill-Unjoni Ewropea għal politiki speċifiċi u għal ċentru ta' monitoraġġ sabiex jinżamm il-prinċipju ta' l-ugwaljanza għall-immigranti nisa, li spiss ikunu suġġetti għal diskriminazzjoni doppja, fuq il-bażi kemm ta' razza kif ukoll ta' ġeneru;

28. Jenfasizza l-bżonn li l-istituzzjonijiet Ewropej jiksbu dejta u statistika affidabbli sabiex ifasslu politiki effettivi fl-oqsma ta' l-impjiegi u l-affarijiet soċjali.

## PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Pjan direzzjonali għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel 2006-2010 |
| **Numru tal-proċedura** | (2006/2132(INI)) |
| **Kumitat responsabbli** | FEMM |
| **Opinjoni mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | EMPL<br>15.6.2006 |
| **Koperazzjoni aktar mill-qrib - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja** | |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Gabriele Zimmer<br>15.3.2006 |
| **Rapporteur għal opinjoni preċedenti** | |
| **Eżami fil-kumitat** | 13.9.2006 4.10.2006 |
| **Data ta' l-adozzjoni** | 5.10.2006 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 42<br>-: 2<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Jan Andersson, Jean-Luc Bennahmias, Emine Bozkurt, Iles Braghetto, Philip Bushill-Matthews, Milan Cabrnoch, Alejandro Cercas, Ole Christensen, Derek Roland Clark, Luigi Cocilovo, Jean Louis Cottigny, Harald Ettl, Carlo Fatuzzo, Ilda Figueiredo, Joel Hasse Ferreira, Roger Helmer, Stephen Hughes, Karin Jöns, Ona Juknevičienė, Jan Jerzy Kułakowski, Sepp Kusstatscher, Raymond Langendries, Bernard Lehideux, Elizabeth Lynne, Thomas Mann, Mario Mantovani, Ana Mato Adrover, Maria Matsouka, Csaba Őry, Marie Panayotopoulos-Cassiotou, Pier Antonio Panzeri, Jacek Protasiewicz, José Albino Silva Peneda, Jean Spautz, Gabriele Zimmer |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Mihael Brejc, Udo Bullmann, Françoise Castex, Richard Howitt, Dieter-Lebrecht Koch, Roberto Musacchio, Leopold Józef Rutowicz, Elisabeth Schroedter |
| **Sostitut(i) skond l-Artikolu 178(2) preżenti għall-votazzjoni finali** | Ari Vatanen |
| **Kummenti (informazzjoni disponibbli b'lingwa waħda biss)** | |